MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 382/2006/1

**Joseph M. Vella u l-kumpannija J.M. Limited**

**v.**

**Vella Brothers Limited, Saviour Vella, George Vella, Paul Vella, Alfred Vella, Sebastian Vella u Nazzareno Vella, kif ukoll Express Trailers Limited ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' l-appellati Joseph M. Vella u tal-kumpannija J.M. Limited tat-28 ta' Dicembru 2006;

Rat ir-risposta “ta’ l-appellanti kollha” tas-26 ta’ Jannar 2007;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta’ Frar 2007 kif ukoll fl-udjenza tal-lum;

Filwaqt li tiddikjara li din il-Qorti hi kompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talba kif migjuba fl-imsemmi rikors in vista tal-fatt li, fil-pendenza ta’ l-appell, giet ordnata l-esekuzzjoni provvizorja tas-sentenza appellata; u peress illi t-talba kif migjuba tidher prima facie gustifikata;

Tilqa’ t-talba u tordna lir-Registratur sabiex jipprocedi skond l-Artikolu 1003A tal-Kap. 12.  Komunika immedjata lir-Registratur.  Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------